# RWIEFEN

*Ta'* V. M. Pellegrini

X'ħaġa ħawn iktar ta' dwejjaq
minn dik meta l-poeta
isib ruħu fallut
bla ebda ideat ġodda
bla ebda tmellis għaxqi ta' xi rima
jew armonija ta' vrus
li jqanqlu u jogħġbu?

Issa l-ward xejn ma jgħidli,
il-kwiekeb donnhom resqu
iktar fil-għoli,
il-baħar ifakkarni biss fil-qabar;
fl-għelieqi, qalb il-ħdura
u l-għana ta' l-għasafar ferreħin,
għalxejn nixtieq is-sabar.

F'dal-falliment jesplodu fija
rwiefen tal-biża';
inħoss li għandi l-għana
iżda jonqosni ċ-ċwievet
li jiftħu dat-teżori;
inħossni li għandi l-ħajja
iżda narani riesaq dritt lejn mewti,
il-mewt ta' ruħi,
għax fil-ġisem b'saħħti.